

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Eurowings GmbH

Konvenuti: Klaus Rövekamp, Christiane Rupp

**Domanda preliminari**

Jeżisti wkoll dritt għal kumpens abbażi tal-Artikolu 7 tar-Regolament <sup>(1)</sup> meta, minħabba dewmien relattivament minimu fil-wasla, passiġġier ma jirnexxilux jaqbad titjira ta' korrispondenza diretta u meta dan ikollu bħala konsegwenza dewmien ta' tliet sghat jew iktar fid-destinazzjoni finali, iżda meta ż-żewġ titjiriet ikunu operati minn trasportaturi tal-ajru differenti u meta r-riżervazzjoni tkun ġiet ikkonfermata minn organizzatur tal-vjaġġi li jkun għaqqad it-titjiriet għall-klijent tiegħu?

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fid-9 ta' Novembru 2017 – SF vs Inspecteur van de Belastingdienst**

**(Kawża C-631/17)**

(2018/C 063/07)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: SF

Konvenut: Inspecteur van de Belastingdienst

**Domanda preliminari**

Il-leġiżlazzjoni ta' liema Stat Membru għandha tapplika skont ir-Regolament Nru 883/2004 <sup>(1)</sup> f'sitwazzjoni fejn il-parti kkonċernata (a) tirrisjedi fil-Latvija, (b) hija ta' nazzjonalità Latvjana, (ċ) hija impjegata minn persuna stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi, (d) taħdem bħala baħrija, (e) taħdem fuq bastiment li jtajjar il-bandiera tal-Bahamas, u (f) twettaq dawn l-attivitajiet barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea?

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats Haarlem (il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-14 ta' Novembru 2017 – E. vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie**

**(Kawża C-635/17)**

(2018/C 063/08)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank Den Haag, zittingsplaats Haarlem